# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 1058/15MH**

**Illum 3 ta' Gunju, 2016**

**Raymond Portelli**
**[Karta tal-Identita' Numru: 543759(M)]**

**vs**

1. **MaltaPost p.l.c. [C22796]**
2. **Joseph Gafa' [ID 231967M], Kap Eżekuttiv tal-MaltaPost p.l.c.**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-attur** fejn gie premess:

1. *"ILLI l-attur huwa mpjegat bħala Postal Assistant mas-soċjeta' intimata;*

2. *ILLI fis-27 ta' Awwissu 2013, l-attur kien irċieva Advice of Disciplinary Charge, fejn ġie mgħarraf li wara li saret investigazzjoni interna da parti tas-soċjeta intimata, rigward inċident li seħħ fil-25 ta' April 2013, ġie konkluż illi waqt il-qadi ta' dmirijietu l-esponenti kien ħalla kaxxa*

*kaħlanija li kienet tikkontjeni posta indirizzata lill-ARMS Limited ġewwa vettura tas-soċjeta' intimata, bil-konsegwenza li l-posta de quo waslet tard;*

3. *ILLI per konsegwenza ta' hekk u permezz tal-istess Avviż tas-27 ta' Awwissu 2013, l-attur ġie akkużat bi tlett (3) akkużi u cioe': kwalita' ħażina ta' xogħol; li kkaġuna dewmien fil-kunsinna tal-imsemmija posta u bi ksur tal-ġurament li kien ħa fuq ix-xogħol tiegħu;*

4. *ILLI dwar dan il-każ, nonċio' argumenti favorevoli li ssottometta in difiża, l-attur kien instab ħati mill-Bord tad-Dixxiplina fir-rigward tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontriħ, iżda mhux ħati tat-tielet akkuża;*

5. *ILLI sussegwentement l-attur irċieva Advice of Disciplinary Charge, datata 3 ta' April 2014, fejn ġie mgħarraf li wara li saret investigazzjoni interna da parti tas-soċjeta' intimata, rigward inċident ieħor li kien seħħ fis-6 ta' Diċembru 2013, ġie konkluż illi żewġ xkejjer mimlija posta li kienu fil-pussess tal-attur kienu intilfu;*

6. *ILLI per konsegwenza ta' hekk u permezz tal-istess Avviż tat-3 ta' April 2014, l-attur ġie akkużat bi tlett (3) akkużi u cioe': illi tilef żewġ xkejjer mimlija posta; kwalita' ħażina ta' xogħol u nuqqas ta' responsabbilita';*

7. *ILLI wkoll dwar dan il-każ, nonċio' argument favorevoli sottomessi in difiża, l-attur kien instab ħati mill-Bord tad-Dixxiplina tat-tlett (3) akkużi miġjuba kontriħ;*

8. *ILLI ta' min jgħid illi l-Bord tad-Dixxiplina li ddeċieda dawn iż-żewġ każijiet kien magħmul minn tlett (3) persuni, stabbiliti proprju mill-Kap*

*Eżekuttiv tas-soċjeta' intimata u żewġ (2) persuni oħra in rappreżentanza tas-soċjeta' intimata;*

9. *ILLI minn dawn iż-żewg (2) deċiżjonijiet l-attur intavola appell;*

10. *ILLI eventwalment l-attur kien ġie mgħarraf li l-appell tiegħu kienu waslu biex jiġu appuntati u li s-smiegħ tagħhom kien ser ikun ippresjedut proprju mill-Kap Eżekuttiva tas-soċjeta' intimat in persona;*

11. *ILLI hekk kif ġie mgħarraf b'dan, l-attur immedjatament irreġistra oġġezzjoni formali tiegħu li ġgib id-data tad-19 ta' Awwissu 2014, sabiex l-appell ma' jinstemax mill-Kap Eżekuttiv minħabba li fl-umli fehma tal-esponenti din il-prassi tagħmel lill-Kap Eżekuttiv personalita' u/jew korp guridiku mhux indipendenti u mhux imparzjali;*

12. *ILLI wkoll l-attur kien formalment issuggerixxa li l-appell tiegħu għandu jinstema' quddiem id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tar-Relazzjonijet Industrijali u tal-Impjieg, appuntu sabiex tkun evitata' l-anomalija sollevata mill-istess attur u cioe' dik tal-indipendenza u imparzjalita';*

13. *ILLI permezz ta' ittra datata 26 ta' Awwissu 2014, l-attur ġie mgħarraf li l-proċedura li tkun addottata f'każijiet bħal dawn hi kif provdut fil-Ftehim Kollettiv u għalhekk l-oġġezzjonijiet tiegħu ma kinux ser jiġu aċċettati, u fl-istess ħin ġie mogħti żmien ta' ġimgħa sabiex jagħti r-risposta tiegħu u kif ukoll ġie nfurmat illi jekk huwa ma jimxix skont il-proċedura, l-appell tiegħu kien ser jiġi meqjus bħala rtirat;*

14. *ILLI l-attur kien għarraf lis-soċjeta' intimata li dan kollu huwa kkunsidrat bħala theddiha serja fil-konfront tiegħu, u sussegwentment l-*

*esponenti reġa' ssuggerixxa li l-appell ma' jinstemax mill-Kap Eżekuttiv tas-soċjeta' intimata u minflok jiġi riferut lid-Dipartiment tar-Relazzjonijet Industrijali u tal-Impjieg;*

15. *ILLI wara li kien ġie avviċinat mill-konvenut noe, id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tar-Relazzjonijet Industrijali u tal-Impjieg, spjega illi bħala Direttur ma kienx l-irwol tiegħu li jkun involut fi proċeduri dixxiplinari ta' min jimpjega' u/jew li jisma appelli minn deċiżjonijiet, iżda seta' biss jintervjeni bħala medjatur imparzjali;*

16. *ILLI b'riżultat ta' dan kollu l-attur spiċċa mingħajr rimedju, u fl-istess waqt għaddej iż-żmien kontrih u per konsegwenza tal-aġir tal-intimati jew minn minnhom, l-attur qed isofri danni nkluż dawk finanzjarji minħabba telf ta' qliegħ;*

17. *ILLI effettivament dan kollu premess jesponi ksur manifest u lampanti tad-dritt għal smiegħ xieraq tal-esponenti kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem;*

18. *ILLI dan kollu jikkonsisti f'ingustizzja versu l-esponenti;*

19. *ILLI dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-attur.*

*GĦALDAQSTANT, u in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kostituzzjoni u l-komposizzjoni tal-Kap Eżekuttiv sabiex jisma appelli ma jiswiex għaliex jikser id-dritt għal smiegħ xieraq tal-esponenti, senjatament stante li ma jħarisx dak li jgħidu l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif sanċita taħt il-Kapitolu 39 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt l-obbligi internazzjonali tal-Istat ta' Malta;*

2. *Tagħti kull rimedju ieħor effettiv għall-vjolazzjoni lamentata u li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun;*

3. *Tiddikjara li l-proċessi dixxiplinari de quo ma ġewx eżawriti u konsegwentement id-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina mhux eżegwibbli b'effett mit-23 ta' Ottubru, 2014 stante l-anomalija relattiva fil-konfront tal-attur;*

*Bl-ispejjeż inkluż tal-Protest Gudizzjarju datat ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenuta MaltaPost plc** prezentata fis-27 ta' Jannar 2016 konfermata bil-gurament minn Joseph Gafa' li permezz taghha ressqet is-segwenti eccezzjonijiet:

1. *"Illi hu debitament awtorizzat biex jahlef din ir-risposta u li jaf il-fatti hemm elenkati.*

2. *Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispjjez.*

3. *Illi fil-qosor, il-kaz tar-rikorrent hu mibni fuq apprezzament ghal kollox zbaljat tal-import tal-process dixxiplinarju, fejn dan il-process hu wiehed manigerjali u li mhuwiex kolpit mill-obbligu ta' imparzjalita' stretta li jolqot l-organi tal-iStat bhal ma huma l-Qrati u t-Tribunali. Fil-fatt, fejn ma hemmx process dixxiplinarju stipulat fi Ftehim Kollettiv (bhal ma hu fil-kaz odjern) jew mod iehor bejn il-partijiet, il-process jitmexxa kollu kemm hu mill-management, li jinvestiga, jakkuza, jisma' u jiddeciedi u l-impjegat ikkoncernat ikollu r-rimedju ta' revizjoni jew bdil tal-konsegwenzi tal-process intern peress illi ghandu dejjem access ghall-Qrati jew ghat-Tribunal Industrijali, skond il-kaz.*

4. *Illi huma dawn l-ahhar organi li huma sanciti mill-obbligu ta' imparzjalita' u ebda process iehor.*

5. *Illi dak asserit mir-rikorrent fil-para 8 tar-rikors tieghu ma jirriflettix il-verita' u jrid jigi ccarat.*

6. *Illi l-process illi ntuza fil-konfront tar-rikorrent kien precizament dak maqbul fil-Ftehim Kollettiv vigenti, ghajr illi b'tir illi l-kwistjoni ma tikbirx, kien hemm qbil minghajr pregudizzju illi jigi ttantat it-tielet stadju tal-process, izda dan ma sehhx minhabba ragunijiet mhux fil-kontroll tal-partijiet: jibqa' l-fatt, pero', illi l-intimati mxew dejjem u rigorozament skond l-obbligi*

*taghhom u kien ir-rikorrent li naqas milli jimxi skond l-obbligi tieghu stess, cioe' illi jottempora ruhhu mal-Ftehim Kollettiv bhal kull impjegat iehor.*

***GHALDAQSTANT*** *fl-umli fehma tal-intimati l-pretenzjonijiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda."*

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenut Joseph Gafa'** prezentata fis-27 ta' Jannar 2016 li permezz taghha eccepixxa:

"*1. Illi hu mhuwiex legittimu kontradittur stante illi f'dan il-kaz agixxa dejjem fil-pozizzjoni tieghu bhala Kap Ezekuttiv u fil-fatt ma hemm ebda asserzjoni jew lanjanza fil-konfront tieghu illi b'xi mod agixxa b'abbuza tal-pozizzjoni tieghu jew ultra vires biex b'hekk ha xi responsabbilita' personali fuqu, u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju."*

*2. Illi minghajr pregudizzju t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispjjez.*

*3. Illi ghall-bqija jaghmel tieghu r-risposta tal-intimati l-ohra..*

***GHALDAQSTANT*** *fl-umli fehma tal-intimat l-pretenzjonijiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda."*

Rat il-verbal taghha tal-5 ta' Frar 2016[1] li fih il-kawza giet differita ghall-provi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Joseph Gafa'.

[1] Fol 18

Rat ix-xhieda tal-istess konvenut Joseph Gafa'[2].

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret mid-difensuri tal-partijiet[3].

Rat il-verbal taghha tas-27 t'April 2016[4] li fih il-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenut Joseph Gafa' fejn qieghed jghid li huwa mhuwhiex il-legittimu kontradittur ghall-pretensjonijiet tal-attur.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

L-attur intavola proceduri civili (ghalkemm b'talbiet ta' indoli kostituzzjonali) kontra l-konvenuti in segwitu ghal proceduri dixxiplinarji li ttiehdu fil-konfront tieghu bhala mpjegat ta' MaltaPost plc fir-rigward ta' zewg akkuzi separati. Wara li nstab hati ta' dawn l-akkuzi huwa ntavola appell minnhom u skopra li s-smiegh tal-appell kien sejjer jigi presedut mill-Kap Ezekuttiv tal-istess Kumpanija. L-attur oggezzjona ghal dan il-ghaliex fil-fehma tieghu il-prezenza tal-Kap Ezekuttiv fil-proceduri tas-smiegh tal-appell ma kinitx tissodisfa l-kriterji ta' ndipendenza u mparzjalita'. Wara diversi tentattivi inutli sabiex tinstab soluzzjoni ghal din l-oggezzjoni tieghu, l-attur adixxa quddiem din il-Qorti u qieghed jitlobha (i) tiddikjara u tiddeciedi li l-kostituzzjoni u l-kompozizzjoni tal-Kap Ezekuttiv sabiex jisma' appelli ma jiswiex ghaliex jilledi

[2] Seduta tas-27 t'April 2016 a fol 20 et seq
[3] Seduta tas-27 t'April 2016 a fol 34 et seq
[4] Fol 19

dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif protett bl-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem; (ii) taghti kull rimedju iehor effettiv ghal tali vjolazzoni lamentata; (iii) tiddikjara li l-processi dixxiplinarji *de quo* ma gewx ezawriti u konsegwentement id-decizjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina mhux ezegwibbli stante l-anolamija relattiva fil-konfront tal-attur.

Il-kumpanija konvenuta laqghet ghal din l-azzjoni billi ressqet diversi eccezzjonijiet fil-mertu u opponiet ghat-talbiet tal-attur bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Il-konvenut Kap Ezekuttiv tal-Maltapost plc ukoll ressaq oppozizzjoni ghall-allegazzjonjiet u t-talbiet tal-attur, kemm b'eccezzjonjiet fil-mertu kif ukoll wahda ta' natura preliminari li hija proprju l-qofol tas-sentenza tal-lum.

Din l-ewwel eccezzjoni ta' Joseph Gafa' tghid hekk:

***"1. Preliminarjament hu mhuwhiex legittimu kontradittur stante illi f'dan il-kaz agixxa dejjem fil-pozizzjoni tieghu bhala Kap Ezekuttiv u fil-fatt ma hemm ebda asserzjoni jew lanjanza fil-konfront tieghu illi b'xi mod agixxa b'abbuza tal-pozizzjoni tieghu jew ultra vires biex b'hekk ha xi responsabbilita' personali fuqu, u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju."***

In sostenn ta' din l-eccezzjoni xehed l-istess Joseph Gafa' in ezami u in kontro-ezami[5]. Irrizulta minn din ix-xhieda li huwa kien jokkupa l-kariga ta' Kap Ezekuttiv tal-kumpanija konvenuta anke fi zmien relattiv ghall-kaz odjern, liema kariga ghadu jokkupaha sal-lum. Ir-relazzjoni li huwa dejjem kellu mal-

[5] Fol 20 et seq

attur, inkluz f'konverzazzjonijiet, dejjem kienet fl-ambitu ta' mpjieg u cioe' l-attur bhala mpjegat u x-xhud bhala ufficjal responsabbli minn dik il-Kumpanija. Qatt ma ntqal xi diskors jew saru nkontri fuq livell personali. Irrizulta wkoll li l-Ftehim Kollettiv iffirmat bejn Maltapost plc u l-Union Haddiema Maghqudin kien gie ffirmat mill-konvenut Gafa' bhala Kap Ezekuttiv wara negozjati li saru. Dwar il-Bord ta' Dixxiplina x-xhud spjega l-metodu li bih dan jigi appuntat: membru wiehed jigi nominat mill-*Management* tal-Kumpanija, liema nomina ssir minn Joseph Gafa' ghan-nom tal-Kumpanija, membru iehor jigi appuntat mill-Union u membru iehor irid jigi maqbul miz-zewg nahat. Ix-xhud ghalhekk cahad li l-hatra tal-Bord issir minnu. Huwa kompla jispjega l-evolviment tal-process tal-appelli li jistghu isiru minn kwalunkwe decizjoni rrispettivament jekk hijiex wahda ta' dixxiplina o meno: jista' jsir appell lil *Line Manager* tal-impjegat u l-process jimxi hemm. L-istadju ahhari fi hdan il-Kumpanija huwa li l-kaz imur ghand il-Kap Ezekuttiv. Wara dak l-istadju imbaghad wiehed jista' jipprocedi ghand id-Direttur tax-Xoghol. Fil-kaz odjern l-attur oggezzjona li l-appell tieghu imur quddiem ix-xhud bhala Kap Ezekuttiv u talab li jmur ghand id-Direttur tax-Xoghol li minn naha tieghu m'accettax li jisma' l-kaz ghax m'huwhiex ir-rwol tieghu li jisma' kazijiet individwali. Ix-xhud cahad li hu kien talab li jittiehdu passi bil-Bord ta' Dixxiplina ghax qal li procedura quddiem il-Bord jistigaha l-*Manager* tar-Rizorsi Umani. Din it-taqsima tar-Rizorsi Umani mhux kollha taqa' tahtu bhala Kap Ezekuttiv ghax dawn ghandhom ukoll certa ndipendenza fl-operat taghhom. Kien hemm kaz wiehed fejn ix-xhud irraporta lill-attur ghax kien rah waqt il-hin tax-xoghol ma' terzi persuni f'lokalita' diversa minn fejn suppsot kien qieghed xoghol.

Fis-sottomissjonijiet taghhom dwar din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Gafa', iz-zewg konvenuti jsostnu li fil-vicenda li minnha skatta l-kaz odjern, il-konvenut Joseph Gafa' agixxa biss *qua* Kap Ezekuttiv, liema rwol mhuwhix gudizzjarjament indipendenti mill-Kumpanija. Hija MaltaPost plc li tingagga

lill-attur u hija l-istess Kumpanija li *se mai* tirreagixxi ghad-dixxiplina fil-kaz tal-impjegati taghha. Il-prezenza ta' Joseph Gafa' bhala Kap Ezekuttiv fil-kawza hija mmaterjali il-ghaliex hija l-Kumpanija li trid finalment tirrispondi. Dan il-konvenut ghandu ghalhekk jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Min-naha l-ohra l-attur jargumenta li l-konvenut Gafa' ghandu *locus standi* f'dawn il-proceduri li jikkoncernaw lil min hu responsabbli mill-MaltaPost plc sabiex l-attur ifittex gustizzja u jircievi smiegh minn persuna jew Bord imparzjali u ndipendenti. Il-kaz jolqot direttament lill-Kap Ezekuttiv ghax huwa dwar il-kunflittt li ghandu l-istess Gafa' f'dik il-kariga li jiddeciedi kaz fuq impjegat li jkun gie akkuzat mit-Taqsima tar-Rizorsi Umani, liema taqsima taqa' taht l-istess Kap Ezekuttiv.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:

**Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:**

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'*kondominju *jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux*

*fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

Fil-kaz fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009**[6] intqal hekk:

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."*

Illi inoltre l-gurisprudenza tkompli hekk:

*"Ghal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv ghal dak prospettat mill-attur bit-talba tieghu. Dan ghaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda proposta."* **(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)**[7]

Applikati dawn il-principji gurisprudenzjali ghall-kaz odjern ifisser illi sabiex il-konvenut Joseph Gafa' titqies bhala legittimu kontradittur f'din il-kawza kien jehtieg li jigi muri konnessjoni bejnu u bejn l-attur min-natura tal-oggett u t-talbiet tal-kawza nfisha. Filwaqt li gie muri sodisfacentement illi hemm rapport ta' xoghol bejn l-attur u Joseph Gafa' il-ghaliex it-tnejn jahdmu l-MaltaPost bhala mpjegat u Kap Ezekuttiv rispettivament, il-Qorti tqis li tali rapport wahdu

[6] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[7] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

mhuwhiex sufficjenti sabiex jirrendi lill-istess Gafa', fil-kariga tieghu ta' Kap Ezekuttiv, bhala l-persuna idonea li ghandha tirrispondi flimkien mal-Kumpanija Maltapost plc ghall-allegazzjonijiet u t-talbiet attrici.

Infatti ghalkemm il-pretensjonijiet tal-attur huma mmirati sabiex jattakkaw il-prezenza tal-istess Kap Ezekuttiv fis-smiegh tal-proceduri tal-appell mid-decizjoni tal-kazi ta' dixxiplina fil-konfront tal-istess attur, effettivament dak li qieghed jigi attakkat, u cioe' l-oggett tal-kawza, hija l-procedura mhaddma mill-Kumpanija konvenuta ta' kif jigu processati u mismugha l-appelli mill-impjegati taghha (b'referenza specifika ghall-kaz ta' dixxiplina kontra l-attur). Id-decizjoni li l-Kap Ezekuttiv jippresedi s-smiegh tal-appell mhijiex tieghu *per se* imma tal-Kumpanija konvenuta li fil-*policies* u r-regolamenti nterni taghha stabbiliet tali procedura wara ftehim ukoll mal-Unions. Minn dak li rrizulta mill-provi anzi huwa car li f'ebda istanza fil-process kollu li jolqot il-kazi ta' dixxiplina fi hdan Maltapost plc Joseph Gafa' ma agixxa unilateralemt, personalment jew indipendentement mill-Kumpanija. Huwa opera u agixxa biss fi hdan il-qafas ta' struttura u procedura stabbilita mill-Kumpanija MaltaPost plc.

Qal fil-fatt Joseph Gafa illi mas-sur Portelli kellu "*relazzjoni bhala Kap Ezekuttiv u impjegat tal-kumpanija u kwalunkwe konversazzjoni li kellna* (huma bejniethom) *dejjem kienet titratta u kienet f'dak l-ambitu ta' impjegat fi hdan il-Kumpanija li jien responsabbli minn dik il-kumpanija.*"[8]

Ghalhekk guridikament ma hemm ebda mod kif it-talbiet tal-attur jistghu jigu diretti, jew eventwalment infurzati jekk jintlaqghu, kontra Joseph Gafa' bhala Kap Ezekuttiv. Hija biss il-Kumpanija MaltaPost plc bil-personalita' guridika u

[8] *A fol. 21*

separata taghha, ghalhekk ferm distinta mill-persuna tal-konvenut Joseph Gafa, li hija l-kontradittur idoneu biex tirrispondi ghall-allegazzjonijiet u t-talbiet tal-attur. Dwar il-prezenza tal-MaltaPost plc fil-kawza ma hemm ebda kontestazzjoni mill-partijiet u ghalhekk ma hemm ebda lok li l-Qorti tikkumenta ulterjorment dwar dan.

Ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tqis li l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-konvenut Joseph Gafa', Kap Ezekuttiv tal-MaltaPost plc hija gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Joseph Gafa' fir-risposta guramentata tieghu, tiddikjara li huwa mhuwiex legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta' dan l-episodju ghandhom ikunu a karigu tal-attur.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**